MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Numru. 829/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Goeffrey Azzopardi)**

**Vs**

**Ibrahim Mohamed Sawed ta' 26 sena, iben Mohamed u Fatima, imwieled Khoms, Libya fl-4 ta' Settembru, 1982 u li joqghod Block 12, Flat 6, Libda, Khomos, Libya bin-numru tal-passaport 353313**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ui cioe` talli fis-6 ta' Settembru 2008 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer ircieva passaport Libjan li get ittrasferit lilu minn persuna ohra;

U aktar talli fis-6 ta' Settembru 2008, ghal habta tas-2.30pm ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat mghamulha llum stess ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rifjaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamulha mill-imputat illum seduta stante l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-istess.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u l-fedina penali nadifa tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 3(b) u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegnwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkomettu reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' l-atti tal-kawza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------